IT-TIENI KTIEB TAT-TLETIN SENA

ĠUNJU 1954

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GĦADD

L-Editur—Iż-Żjara tar-Reġina fil-Gżejjer ta' Malta faċċ. 33
A. Cremona—Ix-Xebh ta' Għanja Maltija ma' Ballata Qadima Ingliża ,, 35
Val. V. Barbara, O.P.—*Bidla!* 41
George Zammit, B.A., LL.D.—*Is-Sardinella* ,, 48
Ariel Fiorini—*Għasfur* ,, 50
Vincent Caruana—*Il-Qawsalla ta' l-Imħabba* ,, 50
Pawlu Aquilina—*Lil Omm in-Niket* ,, 51
John Sciberras—*X'Jiswew?* ,, 53
*Epigrammi* ,, 53
Albert M. Cassola—L-Umbrja l-Qalb tħabbat ta' l-Italja ,, 54
Ġ. Cassar Pullicino—Dwardu Cachia : Żieda u Tiswija ,, 57
Albert M. Cassola—Malapropismi fil-Malti ,, 59
A. Cremona—Dizzjunarji Maltin ,, 60
Reċensjonijiet ,, 62

DIRETTUR: Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: Ant. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldesca, Paula.

AMMINISTRATUR: Victor Apap,
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

---

# IL-MALTI

QARI LI TOHROG IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI — GUNJU 1954.

# Iż-Zjara tar-Reġina fil-Gżejjer ta' Malta

*FOST l-artijiet tad-dinja li jinsabu taħt il-Kuruna Ingliża l-ebda waħda ma kellha x-xorti li tkun marbuta b'rabtiet hekk għeżież ma' qalb ir-Reġina daqs kemm iċ-ċkejkna gżira tagħna minn mindu Hija, bħala Prinċipessa, werrieta tal-Kuruna Ingliża, kienet għadha kif ingħaqdet bi żwieġ ma' Filippu Mountbatten, il-Baruni ta' Greenwich u Konti ta' Merioneth u Duka ta' Edinburgu. Minn dik il-għaqda ta' żwieġ, tista' tgħid, qalb il-Prinċipessa bdiet ukoll tingħaqad ma' l-art ċkejkna tal-Gżira tagħna fejn, fil-fjur ta' żmienha u fl-isbaħ ħolm ta' ħajja ta' mħabba u hena, ħasset ġibda kbira għall-port ta' Malta fejn żewġha, bħala Fizzjal fil-Flotta tal-Mediterran inzerta hawnhekk kemm-il darba u, fejn bħala martu ġiet tgħix miegħu u tgħaddi l-ġimgħat u x-xhur u fejn sabet ruħha milqugħa u dejjem imdawra mill-imħabba u qima tal-Maltin—b'dik l-imħabba u qima ta' nies dħulin li jafu jilqgħu lil kull barrani, b'dik il-ħlewwa li qajla ssibha f'sudditi ta' nazzjonijiet oħra—ħaġa li għaliha l-Maltin baqgħu msemmijin minn żmien il-qedem.*

*Din il-gżira mżejna bl-isbaħ sema, bil-ġmiel tan-natura dejjem tidħak kienet għaliha waħda mill-iktar rokna kennija ta' hena, sliem u mistrieħ li taqbel mhux ftit mal-għaxqa ta' qalbha, Hija li tant tħobb il-kwiet tan-Natura. Meta laħqet Reġina, Hija ma setgħetx ma ġġibx quddiem għajnejha l-qima u l-ferħ tal-Maltin, li wiċċhom, tista' għid, kienet dratu bħalma kienet drat dak tal-ħbieb u n-nies tagħha ta' Pajjiżha, meta semgħet bil-festi kbar li Malta kienet għamlet fl-Inkoronazzjoni tagħha bħala Reġina. Għalkemm fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha, kemm ukoll f'okkażjonijiet oħra l-Maltin kienu wrewha qalbhom bir-rigali sbieħ li offrewlha, għalkemm Hija dejjem uriet kemm laqgħet bi pjaċir dawn ix-xhidiet materjali ta' lealtà u qima Lejha, nistgħu ngħidu, iżda, li l-isbaħ rigali li għożżiet mhux ftit kienu l-laqgħat kbar li l-Maltin u l-Għawdxin għamlulha, sew fl-erba' żjajjar*

*li kienet għamlet f'dawn il-Gżejjer bħala Prinċipessa mill-1949 sal-1951, kemm ukoll dan l-aħħar bħala Reġina ġimagħtejn qabel ma reġgħet lejn Darha wara l-vjaġġ kbir ta' sitt xhur u żjajjar fl-artijiet kollha ta' l-Imperu Ingliż.*

*Bħalma kien intqal f'artiklu f'"Il-Malti" ta' Ġunju tas-sena li għaddiet fl-okkażjoni ta' l-Inkoronazzjoni Tagħha: "Malta, għalkemm hija l-iċken fost l artijiet l-oħra, hija waħda mill-egħżeż ġawhriet fil-Kuruna fuq ras ir-Reġina Tagħna Elizabetta", u dina r-Reġina tafu biżżejjed għax ratu b'għajnejha stess kemm swiet Malta għall-Imperu Ingliż fil-mitt sena u nofs u fuqhom li ilha taħt il-ħarsien tal-Bandiera Ingliża, l-iktar f'din il-Gwerra l-Kbira ta' l-aħħar (biex ma ngħidx ta' qabel ukoll), tant li għas-sakrifiċċi li għamlet u għat-tbatijiet li batiet stħoqqot minn għand Missierha d-dekorazzjoni tal-George Cross u minn għand il-President Roosevelt ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika l-isbaħ tifħir bil-miktub li setgħet tagla'. Dan hija ratu kemm-il darba fis-sinjali li ħalliet fuq sider Malta din l-aħħar Gwerra—fil-ħsarat u qirda ta' djarha u ta' wliedha u ta' dawk in-nies l-oħra ta' l-Imperu Ingliż li ħallew ħajjithom taħt in-nirien tal-għadu taħt is-sema tal-Gżejjer ta' Malta. U dan hu l-isbaħ Monument li biħ setgħet titgħarxaq ir-Reġina Elizabetta fiż-żjajjar Tagħha, sew bħala Prinċipessa kemm bħala Sultana tagħna. Iż-żewġ Monumenti taż-Żewġ Gwerer il-Kbar li aħna kellna x-xorti narawha tikxef, li fihom Malta kellha sehem—f'ta' l-aħħar l-aqwa wieħed — jibqgħu xhieda fl-Istorja ta' Malta, tal-Lealtà u tas-Servizz ta' Qlubija tal-Qalb Maltija għad-Difiża tal-Libertà taħt l-Imperu Ingliż li miegħu Malta hija marbuta b'rabtiet l-aktar qawwija u li f'din ir-rabta l-figura tar-Reġina Elizabetta quddiem dawn il-Monumenti f'Malta tibqa' għalina l-egħżeż simblu li ma jintesa qatt. Hekk ukoll jibqgħu fil-qalb tal-Maltin u Għawdxin il-figura sabiħa u għażiża Tagħha fiż-żjajjar li għoġobha tgħamlilna —żjajjar li jibqgħu fil-Ktieb tal-Memorji Tagħha u tal-Gżira l-isbaħ u l-egħżeż pagni.*

A. Cremona

---

# Ix-Xebh ta' Għanja Maltija ta' Gan Anton Vassallo ma' Ballata Qadima Ingliża

*Ta'* A. CREMONA

ĠAN ANTON VASSALLO huwa wieħed mill-ewwel poeti liriċi li minn xi mitt sena 'l hawn bdew iżejnu l-paġni tal-letteratura Maltija. Sa minn meta Vassallo kien twebbel biex iqabbel xi vrejjes bil-Malti, jiġifieri minn madwar l-1850, ftit kienu għadhom dehru poeżiji liriċi miktubin b'sengħa tajba għal dak li hu ħsieb u metrika, għalkemm 'il hawn u 'l hinn il-għażla tal-kliem fil-poeżiji tiegħu mhix mill-aħjar, jiġifieri mhix soda u safja biżżejjed. Fost il-vrejjes liriċi l-ewwel ma dehru mill-pinna tiegħu kienu l-ġabra ta' poeżiji miġburin fi ktieb wieħed għall-Iskejjel tal-Gvern (*Poesie Maltesi ad uso delle Scuole Primarie, 1852*) flimkien ma' oħrajn tal-Qassis Dr. Ludovik Mifsud Tommasi; wara mbagħad dehru l-ġabriet l-oħra ta' poeżiji taħt l-isem ta' Ħrejjef—(*Saggio di Favole Morali in verso scritte in lingua maltese 1861*) f'żewġ taqsimiet, fejn fl-ewwel taqsima hemm ukoll il-ġabra ta' poeżiji ta' A. Preca; u fl-aħħar it-tieni ġabra ta' *Ħrejjef u Ċajt* (1863).

Il-kejl tal-versi ta' Vassallo hu ottonarju, li hu l-iktar mexxej fil-għanja Maltija u fl-espressjoni ħajja ta' kliem ċajtier. Fil-poeżija tiegħu, għalkemm fil-kostruzzjoni mhux dejjem imfassla fuq il-qisien grammatikali tal-Isien Malti, jidwi dak it-ton u ritmu ta' versi ta' l-istess qatgħa li naqraw fil-letteratura ta' ilsna oħra, fosthom l-iktar Taljana, li minnha l-poeżija Maltija ħadet u baqgħet tieħu mhux ftit.

Barra minn dawn il-poeżijiet ta' xeħta ċajtiera, ta' Ġan Anton Vassallo għandna wkoll xi poeżija narrativa, li għandha minn dik ta' Dwardu Cachia f'*Ketrin ta' l-Imdina*, iżda flok b'metru varjat ta' versi tas-sitta u tat-tmienja skond ix-xeħta ferreħija jew kiebja tal-kwadri tal-ġrajja, hija ta' metru ieħor, jiġifieri b'versi tal-ħdax u b'metru tal-poeżija epika fuq dik tal-poeti klassiċi Taljani bħalma naraw fil-poeżija tiegħu "Il-Ġifen Tork". Ta' l-istess xeħta, għalkemm b'metru ta' versi itwal u iżjed tqal f'mixjinthom huma l-poeżiji narrativi Ingliżi bħal *Paul Revere's Midnight Drive* ta' H. Wadsworth Longfellow.

Iżda waħda mill-għanjiet mis-sensiela ta' Ħrejjef li ħarġu fl-1861 u li taqbel fix-xebh ma' oħra Ingliża li hi mqassma wkoll fi kwartini b'metru ta' versi itwal, hija dik imsemmija "Ir-Re u Fra Caspru". Il-poeżija Ingliża hija ballata qadima (1) bl-isem ta' "King John and the Abbott of Canterbury", u waħda minn dawk il-ballati "tradizzjonali" u li huma hekk qodma li ħadd ma jaf min hu l-awtur tagħhom. Din il-ballata titkellem fuq il-qilla u setgħa ta' wieħed mill-eħrex Slaten ta' l-Ingilterra li kien "il-prinċep hekk magħruf bl-isem ta' King John". Fuqu tingħad il-ħrafa li kien bagħat għas-Superjur (2) ta' l-Abbazija ta' Canterbury billi dan kellu l-fama li kien qed iżomm għadd kbir ta' suldati armati u kien imdawwar b'nies oħra li jaqduh lebsin il-livrija tal-bellus. B'hekk deherlu li dan kellu l-ħsieb iwaqqgħu mit-tron. Għalhekk biex jeħles minnu għamillu tliet mistoqsijiet u heddu li jaqtagħlu rasu jekk hu ma jweġibx sewwa għalihom.

Il-ħrafa li fuqha hija mibnija l-Għanja Maltija tixbah ħafna lil dik tal-ballata Ingliża fil-qofol ta' l-argument, iżda mhux fil-ftietaq kollha. L-ewwelnett ir-Re fil-għanja Ingliża huwa persunaġġ storiku, fil-waqt li fil-Maltija mhux. F'waħda huwa l-Pirjol jew Superjur ta' l-Abbazija ta' Canterbury, ta' żmien ir-Re

(1) Ħafna minn dawn il-ballati, bħal din, huma hekk qodma li ħadd ma jaf min ħoloqhom. Dawn kienu jgħannuhom l-għannejja tat-triqat lill-poplu u baqgħu f'ħalq il-poplu minn ġenerazzjoni għall-oħra. Fl-Ingilterra l-iktar għana narrativ u popolari bħal din il-ballata kien nibet fis-seklu ħmistax. (Ara "Popular Entertainments through the Ages" by Samuel Mckechnie, Chap. vi, p. 28).

(2) Il-kelma "abbot" fil-ballata Ingliża għandha t-tifsira ta' Superjur ta' Kunvent. Hawnhekk il-kelma "abbot" hi titlu ta' kap ta' monasteru jew kunvent, jiġifieri ta' l-Abbazija ta' Canterbury. Fl-Ordnijiet li twaqqfu wara s-seklu għaxra jew ħdax it-titlu ta' Abbati nsibuh li tbiddel f'dak ta' Prijur, Gwardjan, Rettur jew Superjur. Fil-grad, l-Abbati iġi wara dak ta' l-Isqof. Fl-Ingilterra kien hemm żewġ Superjuri ta' l-Abbazija u żewġ Prijuri (li kienu jilbsu l-mitra u bil-baklu) li soltu kellhom siġġu fil-Kamra l-Għolja tal-Parlament. Dawn is-Superjuri ma kinux taħt il-ġurisdizzjon ta' l-Isqof. Gie żmien li kien hemm xi għilt bejn dawn is-Superjuri u l-Knisja mħabba illi dawn is-Superjuri ma ridux jibqgħu taħt is-setgħa tad-dijoċesani tagħhom. Xi wħud minnhom saru indipendenti u kellhom setgħa kbira u ġid kbir. Iżda qabel il-firda tar-Reliġjon tal-Knisja fl-Ingilterra mill-Knisja Kattolika ta' Ruma s-setgħa ta' dawn is-Superjuri kienet kbira bil-bosta. (Ara "Hutchinson's Encyclopaedia").

Giovanni, fil-waqt li fl-oħra hu wieħed fost il-patrijiet ta' kunvent, li kien imsemmi għall għerf tiegħu.

Il-mistoqsijiet huma tlieta fiż-żewġ għanjiet, iżda ma jaqblux ħlief *f'waħda*, u din fil-mistoqsija ta' l-aħħar waħda fiż-żewġ għanjiet.

Milli jidher, u kif diġà semmejna, il-għanja Ingliża hija għanja tradizzjonali bla isem min ħoloqha, imfassla fuq fond meridjonali ta' għeluq iż-Żminijiet tan-Nofs u iktarx meħuda minn fuq għanja oħra Sqallija jew Taljana jew ta' Isien ieħor ta' fergħa romanza. Il-għanja Ingliża hija waħda mill-eqdem ballati li jidhru fil-kotba tal-letteratura Ingliża, għal ħabta ta' żmien Chaucer (1340-1400) jew xi ftit wara, u għalhekk wisq eqdem mill-għanja Maltija.

Inqabblu għalhekk il-versi taż-żewġ għanjiet. Il-għanja Ingliża tiftaħ b'din l-istrofa :—

*"An ancient story I'll tell you anon*
*Of a notable prince that was called King John;*
*And he ruled England with maine and with might,*
*For he did great wrong, and maintein'd little right"* (3).

F'din l-ewwel strofa u f'xi oħrajn ta' warajha, hemm xi ħjiel fil-karattru tar-Re li jaqbel ma' dak li hemm pinġut fl-ewwel waħda tal-għanja Maltija li tgħid :—

*"Chien emm re, żmeniet ilu,*
*Uisq nervus u kalb ħażina;*
*G'ratlu uaħda li tissemma,*
*U di'l uaħda chienet dina"* (4).

Ir-raġuni li għaliha fil-għanja Ingliża r-Re ried jeħles mis-Superjur ta' l-Abbazija ma taqbilx mar-raġuni li għaliha, fil-għanja Maltija r-Re ried iwarrab il-patrijiet tal-kunvent mill-inħawi tal-palazz tiegħu. It-tieni strofa u ta' warajha, fil-ballata Ingliża, igħidu :—

(3) Il-versi ta' din il-ballata Ingliża huma miktubin skond l-ortografija ta' dak is-seklu meta nkitbet l-ewwel darba—meħuda mill-"Book of Narrative Verve" compiled by V. H. Collins, Oxford University (1947).

(4) Il-versi ta' din il-għanja Maltija ħallejnieħom bl-ortografija ta' meta nkitbet minn Ġan Anton Vassallo skond l-edizzjoni ta' l-1861 imsemmija qabel.

*"And I'll tell you a story, a story so merreye,*
*Concerning the Abbott of Canterburye;*
*How, for his house-keeping and high renowne,*
*They rode poste for him to fair London towne.*

*An hundred men, the King did heare say,*
*The Abbot kept in his house every day;*
*And fifty golde chaynes, without any doubt,*
*In velvet coates waited the Abbot about.*

*'How now, Father Abbot, I heare it of thee*
*Thou keepest a farr better house than mee,*
*And for thy house-kepieng and high renowne,*
*I feare thou work'st treason against my crown'."—*

Mela fil-għanja Ingliża r-Re Ġovanni ried jeħles mis-Superjur ta' l-Abbazija ta' Canterbury għaliex dan, kif kienu qalulu, kellu daru aħjar minn tiegħu, għal dik li hi żina u kotra ta' nies bl-armi, u r-Re kien fuq ix-xwiek biex ikun jaf minn fomm is-Superjur l-intenzjonijiet tiegħu u ried, hekk jew hekk, jeħles minnu għax baża' li qed jaħdem minn taħt biex iwaqqgħu mis-setgħa tiegħu.

Fil-għanja Maltija nsibu illi r-raġunijiet li għalihom ir-Re ried jeħles mill-patrijiet mhumiex l-istess. It-tieni strofa u ta' warajha fil-għanja Maltija jgħidu :—

*"M'ux bgħid uisk mil palazz tigħu*
*Chien jinsab cunvent tar-rħieb,*
*Jeu għax hu lil dan kien jobgħod,*
*Jeu ma chienx jaħsibhom ħbieb;*

*Jeu il kniepel tawh fastidju*
*Meta drabi chien marid:*
*Basta, il causa chienet x'chienet,*
*Riedhom chieeu minn hemm bgħid".*

Ir-Re Ġovanni huwa persunaġġ storiku u kulħadd jaf b'liema qilla u ħruxija kien jaħkem l-Ingilterra, kif jixhdu wkoll il-versi ta' l-ewwel strofa fil-ballata Ingliża, li jgħidu : *And he ruled England with maine and with might — For he did great wrong and maintein'd little right.* Is-Superjur ta' l-Abbazija ta' Canterbury huwa wkoll persunaġġ storiku għal dik li hi karika reliġjuża ta' l-Abbazija ta' Canterbury. Dan, skond il-ħrafa In-

gliża, barra minn korp ta' mitt suldat li kien iżomm kuljum f'daru kellu wkoll madwaru persunal ta' ħamsin ruħ, bil-ktajjen tad-deheb, miksijin bil-livrija tal-bellus, u, għalhekk bagħat jistaqsi għalih u jfittxu: "*They rode poste for him to fair London towne*".

Qabel ma nħolqu l-kalessi, kull vjaġġ ta' ħeffa bejn Londra u l-postijiet tat-trufijiet kien isir biż-żwiemel li kienu jitbiddlu ma' tul it-triq fid-diversi tvieren tal-kampanja, u l-kurrieri li kienu jirkbu ż-żwiemel kienu jissejħu "Post-boys", nies li jagħmluha ta' qaddejja b'messaġġi u ħwejjeġ ta' bżonnijiet. Għalhekk, ir-Re kien bagħat lil dawn il-"Post-boys" sabiex imorru jsibu lis-Superjur ta' l-Abbazija ta' Canterbury u bil-amar tiegħu jġibuh Londra quddiemu.

Fil-għanja Maltija, ir-Re li ried jaħbi l-ħsibijiet tiegħu ħorox bagħat ukoll għal Patri Ċintju, li kif qalulu, kien l-egħref wieħed fost il-patrijiet tal-kunvent li ma kienx wisq bgħid mill-palazz tiegħu, u mexxa dil-ħaġa iżjed bil-mistur.

"*Ma, biex jagħmel din il-ħaġia*
*U ma jista ħadd jichritca,*
*Ried, bħal kieku li jaħdimhom,*
*Chif ingħeidu, bil-pulitica.*

*Saksa immela min ù fostom*
*L'actar għaref u distint;*
*U kalulu ta ma duaru:*
*L'egħref uieħed Patri Cint.*

*— Morru dlonc għal Patri Cintju,*
*Kal ir-Re. — u fil-mument*
*Telaq uieħed ġirja uaħda*
*Mill-palazz għal gio' l cunvent.*

*Sab aich Skalli*: Unni je
Patri Cintiu, o Fra Curunu? —
Chiddu xtudia 'nta sa cedda...
Chiddu, chiddu... lu numr'Unu.

Tich, tich... *min? — jien, Patri Cintiu,*
*Aħbar taiba se'r natich:*
*Ir-Re tagħna,* quem et caetera,
*X'naf għaliex, saqsa għalich.*

Mela r-Re fil-ħrafa Maltija bagħat għal Patri Ċintju, li kif qalulu, kien l-egħref wieħed fost sħabu biex jagħmillu xi mistoqsijiet u jwieġbu għalihom, u hekk ma jurix il-ħsieb tiegħu li jagħmel id-deni, jiġifieri li ried iwarrab lill-patrijiet mill-inħawi tal-kunvent biex jeħles minnhom. Hawnhekk il-Poeta Vassallo jġibilna quddiem għajnejna ħaġa li dlonk kont dari tiltaqa' magħha ġewwa l-konventijiet tagħna, Ajk Sqalli li jistaqsuh bl-Isqalli u jwieġeb bl-Isqalli.

Fil-waqt li fil-għanja Maltija nsibu lill-mibgħut mir-Re jwassal l-amar tar-Re bir-reqqa kollha u jsamma' leħnu, fil-ballata Ingliża l-messaġġier ma jiġix fix-xena.

Il-għanja Ingliża dlonk iġġib lis-Superjur quddiem ir-Re li jistaqsih :—

*'How now, Father Abbot, I heare it of thee*
*Thou keepest a farre better house than mee,*
*And for thy house-keeping and high renowne,*
*I feare thou work'st treason against my crown.'*

Jiġifieri r-Re jfissirlu r-raġuni bla ħabi ta' xejn li għaliha bagħat għalih—għax *sama'* li s-Superjur għandu dar iżjed imgħammra u mżejna minn tiegħu u ħaseb li b'hekk dan qiegħed ifittex li jagħmel minn taħt xi tradiment lill-kuruna.

*'My liege'*, wieġeb is-Superjur, *'I would it were knowne,*
*I never spend nothing, but what is my owne;*
*And I trust your Grace will doe me no deere*
*For spending of my owne true-gotten geere.'*

fejn is-Superjur fisser lir-Re li dak li qed jonfoq, qed jonfqu minn butu, jiġifieri minn dak li jdaħħal bħala Superjur, u jitlob għalhekk lir-Re li ma jagħmillux deni. Iżda, ir-Re, rasu iebsa, ma riedx jisma', u heddu li jaqtagħlu rasu jekk ma jweġibx sewwa għat-tliet mistoqsijiet li jagħmillu.

*'Ye, yes, Father Abbot*—qallu—*thy fault it is highe,*
*And now for the same thou needest must dye;*
*For except thou canst answer me questions three,*
*Thy head shall be smitten from thy bodie.'*

U r-Re Ġovanni jagħmillu t-tliet mistoqsijiet. Hawnhekk il-Ballata Ingliża tiltaqa' fi triq waħda mal-Maltija, għalkemm ma jibqgħux jimxu id f'id għalkollox.

Fil-għanja Maltija aħna ħallejna lil *dak il-wieħed* li kien mibgħut biex imur mill-Palazz tar-Re għall-kunvent bil-messaġġ għand Patri Ċintju. Daħal fiċ-ċella ta' dan il-Patri u għarrfu bix-xewqa tar-Re :—

*"U kuddiemu dlonc iridech...*
*Għandech tcun mir-Re maħbub"* —
*Patri Cintiu bit-tfixchila*
*Tafa ic-cokka bil-maklub.*

*Għal palazz dlonc tala jigri;*
*U chif wasal dritt ir-Re,*
*Riverenzi... striscio e busso...*
*Għarcubtejh... u kal:*— Ad Te,

Magne Rex, ad pedes tuos...
— *Patri Cintiu, kum mill art,*
*U tigix bil-latinorum,*
*Għax di'l lingua iġġibli 'l bart.*

Milli jidher Patri Ċintju ma stmerrx li jmur quddiem ir-Re għax qatt ma sata' jaħseb ħażin fih; u ċ-ċoqqa libisha bil-maqlub, mhux bil-biża', iżda bil-għaġla, għax kellu mitt sena li jaqdi lir-Re u ma riedx iħallih jistennieh. F'dawn l-istrofi u f'ta' wara hemm dettalji fil-ġrajja li ma huma msemmijin xejn fil-poeżija Ingliża. Il-Latin huwa f'ħalq il-qassisin u patrijiet meta dawn jiġu biex jitkellmu ma' nies oħra bħalhom jew ta' ċerta klassi għolja. Il-mistoqsijiet li jagħmel ir-Re sew fil-għanja Ingliża kemm fil-għanja Maltija huma tlieta, u, bħalma għidna, fiż-żewġ għanjiet ma jaqblux ħlief f'*waħda*, li hi *l-aħħar waħda.* Fil-għanja Maltija l-mistoqsijiet huma dawn :—

*"Chemm ù għàli is-sema, waħda;*
*Chemm fiħ ilma il baħar, tnejn;*
*Xi ħsieb għandi f'rasi, tlieta;*
*Hu, biex taħseb, gimgħatein.*

*Int il għerf għandech bil pala...*
*Għalich xei moħbi u misdud;*
*Jech int tgħeidli dat-tliet ħuejjeġ,*
*Jen indoqqloc tliett mitt scud.*

*Ma jech int tisbaglia uaħda*
*U tgħaddini biss b'xi tnei,*
*Bgħid mil belt il coll nibgħatcom...*
*U int, Fra Cintiu Botnibei.—"*

Fil-għanja Ingliża l-mistoqsijiet huma dawn :—

*'And first, quo' the Kin, 'when I'm in this stead,*
*With my crowne of golde so faire on my head,*
*Among all my liege-men so noble of birthe,*
*Thou must tell me to one penny what I am worthe.'*

*'Secondlye, tell me, without any doubt,*
*How soone I may ride the whole worlde about,*
*And at the third question thou must not shrinke,*
*But telle me here truly what I do thinke.'—*

Is-Superjur iwieġeb lir-Re :—
*'O these are hard questions for my shallow witt,*
*Nor I cannot answer your Grace as yet:*
*But if you will give me but three weekes space,*
*I'll do my endeavour to answer your Grace.'*

U r-Re jarġa' jgħidlu u jwiddbu :—
*'Now three weekes space to thee will I give,*
*And that is the longest time thou hast to live;*
*For if thou dost not answer my questions three,*
*Thy lands and thy livings are forfeit to mee.'*

It-tehdida tar-Re fil-għanja Maltija, jekk Patri Ċintju ma jweġibx għat-tliet mistoqsijiet li għamillu, hi illi lill-patrijiet tal-kunvent jitturufnahom bogħod mill-belt u lill-Patri Ċintju f'Botany Bay, iżda, imbagħad, (ħaġa li ma nsibuhiex fil-għanja Ingliża) ir-Re jwiegħed ukoll lill-Patri Ċintju li jdoqqlu tliet mitt skut, jekk dana jwieġeb sewwa għat-tliet ħwejjeġ li staqsieh. It-tehdida tar-Re fil-ballata Ingliża hija illi jekk is-Superjur ma jagħrafx iwieġeb sewwa, ir-Re jaqtagħlu rasu minn ġismu, u li wara mewtu ħwejġu, l-artijiet u r-renti tiegħu jaqgħu f'idejn ir-Re. Fil-għanja Maltija t-twiddiba tar-Re ssir wara t-tliet mistoqsijiet, fil-waqt li fil-għanja Ingliża t-twiddiba tar-Re ssir qabel,

u, tarġa' wkoll, wara; qabel, bil-qtugħ tar-ras mill-ġisem u wara bil-kunfiska tal-ġid kollu tas-Superjur. Fil-ballata Ingliża s-Superjur jitlob tliet ġimgħat żmien biex iwieġeb għat-tliet mistoqsijiet, fil-waqt li fil-għanja Maltija r-Re jagħti minrajh ġimagħtejn żmien lil Patri Ċintju li mbikkem jitlaq "iktarx mejjet u le ħaj" għal għand sħabu tal-kunvent igħid xi ġralu u jiftaħ qalbu magħhom; il-mistoqsijiet li għamillu r-Re fissirhom b'xi espressjoni Latina u bit-Taljan, li dik il-ħabta kien il-lsien li bih ħwejjeġ bħal dawn, l-iktar fejn jidħlu kwistjonijiet ta' għerf, xjenza jew teknika, kienu jitfissru fost in-nies ta' l-iskola jew tal-professjoni :—

*"Patri Ċintiu min emm nizel*
*Aktarx mejjet u le ħai:*
*X'uaħda din (igħeid u jekaf),*
Ma, per Bacco! come mai?—

*Fra Gaudenz, Fra Salv, Fra Stiefnu,*
*Fra Curunu, Fra Chelment,*
*Fra Martin, Fra Paul, Fra Lazzru,*
*Ma' l-Guardian f'bieb il-kunvent,*

*Jistenneu il Patri Ċintiu,*
*U chif deher il mischin,*
*Biex jaraw* di che si tratta,
*Chif emm chienu miġmugħin,*

*G'reu għal fuku katta uaħda:*
*—Majist, x'għanna? x'emm min ġdid?*
*Patri Ċintiu, isfar lelluxa*
*Ma jistax lilom igħid.*

*Fl'aħħar kàl:* Angustiae plurimae!
Vuol da me sapere il Re
Certe cose... ma cosaccie!
Ecco qua: son queste tre.

Qual del ciel sia l'altitudine;
Quanto d'acqua serbi 'l mar;
Qual pensier Ei chiuda in capite...
Ora quomodo? — che far?...

E m'aggiunse, quod si unquam
M'imbrogliasse la materia;
Di la voi dalle muraglia;
Io, ahimè, per la Siberia!

Il-Poeta Malti jgħid li "minnufih važett imgħaqqad għal dil-qatgħa fosthom dar" — fejn daħħal waħda mid-drawwiet Maltin, jiġifieri dik li *tixrob ċerta mistura mħawda jew magħquda b'ċerti sustanzi biex tfiq minn xi qatgħa.* Fil-ballata Ingliża, is-Superjur qalbu sewda telaq għall-ibliet ta' Cambridge u Oxford li kienu msemmijin għan-nies għorrief li kien hemm fihom (il-lum għad hemm fihom l-aqwa universitajiet ta' l-Ingilterra) iżda ebda għaref ma kien hemm li sata' jfarrġu b'xi parir u jagħtih it-tweġiba għal dawk it-tliet mistoqsijiet. Għalhekk, issokta t-triq għall-Abbazija fejn iltaqa' mar-ragħaj tiegħu li kien qed idaħħal il-merħla fil-maqjel. Dan, wara li feraħ bih għax raġa' lejn daru, staqsieh x'aħbarijiet ġieb miegħu minn għand ir-Re Ġovanni: "How now, my lord Abbot, you are welcome home;—What newes do you bring us from good King John?"—"Aħbarijiet ħżiena għandi x'nagħtik, ja ragħaj", wieġbu s-Superjur — "Sad newes, sad newes, shepherd, I must give", u issokta jgħidlu bil-mistoqsijiet li għamillu r-Re, u li dan għandu jaqtagħlu rasu jekk ma jweġibx sewwa għal dawn il-mistoqsijiet.

Fil-ħrafa Maltija, flok ir-Ragħaj tal-kunvent, jidħol fin-nofs Fra Gaspru "li kien kok u ġardinar". Is-Superjur tal-ballata Ingliża jarġa' jtenni *kelma b'kelma* t-tliet mistoqsijiet li għamillu r-Re, bħalma għamel Patri Ċintju ma' sħabu. Fil-ħrafa Maltija, Fra Gaspru jqawwi qalb Patri Ċintju u sħabu:

*"Uh" kalilhom, ċait li f'raskom!*
*Tibżgħu xei, chemm intom vari!"*

Fil-ħrafa Ingliża r-Ragħaj iwieġeb lis-Superur:—

*"Now cheare up, sire Abbot, did you never hear yet,*
*That a fool he may learn a wise man witt?*
*Lend me horse, and serving-men, and your apparel,*
*And I'll ride to London to answer your quarrel."*

Fra Gaspru jgħid lil sħabu:—

*"Tibżgħu xei.....................*
*"Nieħu il biccia fuq spalleija,*
*Ir-Re tagħna corta vista;*

*Immur jen, taparsi Cintiu,*
*U naklagħkom...... hecch chif nista—"*

Hawn Fra Gaspru jidhirlu li għandu jqarraq bir-Re għax dan ma kienx wisq jagħraf mill-bogħod, fil-waqt li r-Ragħaj tal-ħrafa Ingliża jidhirlu li għandu jqarraq bir-Re, il-għaliex huwa kien jixbah lis-Superjur ta' l-Abbazija :—

*"Nay frowne not, if it hath bin told unto mee,*
*I am like your lordship, as ever may bee;*
*And if you will but lend me your gowne.*
*There is none shall knowe us at fair London towne.'*

U s-Superjur iwieġbu :—

*'Now horses and serving-men thou shalt have,*
*With sumptuous array most gallant and brave;*
*With crozier, and miter, and rocket, and cope,*
*To appeare 'fore our Father the Pope' —*

Iżda Fra Gaspru tagħna ma kellux bżonn jissellef il-libsa ta' Patri Ċintju għax hu kien, ukoll bħala Ajk tal-Kabuċċini, jilbes bħal sieħbu tal-kunvent, li, milli jidher, kien Patri Majistru.

*"Libes ciokka ġdida u ġibet*
*Għal palazz, għal chiecu xei;*
..........................................
..........................................
*"Il capoċċ għaddas gio rasu......*
*Annunziauh kuddiem ir-Re:*
*Haun il-għaref Patri Cintiu.....*
*Ir-Re kal:* Père Cint, entrez!

U stiednu jidħol bil-Franċiż, bil-lsien, li milli jidher, kien sa minn dak iż-żmien l-ilsien tad-diplomazija.

Ir-Re tal-ħrafa Ingliża jilqa' wkoll bi kliem ta' etiketta lis-Superjur ta' l-Abbazija, u jgħidlu :—

*'Now welcome, sire Abbot', the King he did say,*
*'Tis well thou'rt come back to keepe thy day;'*

U donnu li b'hekk ried ifissirlu li għamel sewwa li huwa raġa' deher quddiemu fil-waqt biex iwieġeb għal dak li talab minnu. Fil-ħrafa Maltija, Fra Gaspru, hekk kif deher quddiem ir-Re u għamillu riverenza :—

*"Majestà, kàl, is-serv tigħac......*
*Gimgħatein taitni biex naħseb,*
*Dauc għaddeu, u jena migħac."*

U r-Re dlonk wieġbu :—

*—"Bravu, bravu, Patri Cintiu!*
*Intix lest bil-verità?*

U l-ieħor wieġbu :—

*—"Jena, Sire, lest min collox;*
*Istaksini, Majestà!"*

U hawn bdew il-mistoqsijiet, u għal kull mistoqsija t-tweġiba tar-Ragħaj fil-ħrafa Ingliża u ta' Fra Gaspru fil-ħrafa Maltija.

L-ewwel mistoqsija tar-Re fil-ħrafa Maltija hija din :—

*"...........Mela is-sema*
*Chemm ù għali min di'l art?*

U Fra Gaspru jwieġeb :—

*—"Elf miljun, ħames mitt qasba,*
*Sitt ixbar, u nofs, u quart."*

Fil-ballata Ingliża l-ewwel mistoqsija hija din :—

*'And first, when thou seests me here in this stead*
*With my crowne of golde so fair on my head,*
*Among all my liege-men so noble of birthe,*
*Tell me to one penny what I am worthe.'*

U r-Ragħaj iwieġbu :—

*'For thirty pence our Saviour was sold*
*Among the false Jewes, as I have been told;*
*And twenty-nine is the worthe of thee,*
*For I thinke thou art one penny worser than Hee.'*

U r-Re daħak u ħalef bl-isem ta' San Bittel u nfexx jgħid :

*'I did not think I had been worthe so little!'*

Kif naraw, l-ewwel mistoqsija, u, għalhekk ukoll, it-tweġiba, fiż-żewġ ballati ma jaqblux ma' xulxin.

It-tieni mistoqsija tar-Re fil-ħrafa Maltija hija din :—

*"X'calclu għamilti fuk il-baħar?...*
*Chemm fih ilma, Patri Cint?—"*

U Fra Gaspru jwieġbu :—

*"Disgħin elf miljun bittia*
*U erba' bramel; ma daw' żid*
*(Għax ħargitli dil-frazioni)*
*Tliet-itruz u pinta u ftit......*

Fil-ħrafa Maltija r-Re jidher li nkedd għax baqa' f'wiċċu, u nfoska f'demmu għax deherlu li dak il-Patri qed jidħak bih, l-iktar meta Fra Gaspru (għalih Patri Ċintju) urieh li jekk *jiddubbja wisq* jqabbad lin-nies ikejlulu, ikewsulu, eċċ., u jara jekk dak li qallu hux tassew. Fil-ballata Ingliża t-tieni mistoqsija tar-Re hija din :—

*'Now secondlye tell me, without any doubt,*
*How soone I may ride this whole world about.'*

U r-Ragħaj iwieġbu :—

*"You must rise with the sun, and ride with the same,*
*Until the next morning he riseth againe;*
*And then your Grace need not make any doubt,*
*But in twenty-four hours you'll ride it about.'*

Ir-Re jarġa' jidħak (bla ma jagħdab) u jaħlef b'San Ġwann, u jwieġeb :—

*'I did not think it could be done so soone!'*

(*jissokta*)

---

## BIDLA!

### *Ta'* VAL. V. BARBARA, O.P.

Daħal fil-maqdes bniedem biss u tela'
Sal-midbaħ tal-Mulej; żagħżugħ qalbieni
Sellem lid-dinja, lil qrabatu, 'l ħbiebu,
U nxteħet wiċċu fl-art, beżgħan, 'ma hieni.

Imbagħ'd rebbieħ fuq il-frugħat tal-ħajja
Resaq, għajnejh bi dmugħ ta' ferħ imxarrba:
Indilku idejh biż-żejt imqaddes, kelmtu
Niżżlet lis-Sid f'din l-art għall-ewwel darba.

Hareġ mill-maqdes Kristu ieħor, b'ruħu
Imnaqqxa b'għelm li ma jitħassar qatt,
Bis-setgħa tal-Mulej biex jiżra, isaqqi,
Jorbot u jħoll, u jfarraġ lil kulħadd.

---

# IS-SARDINELLA

*Ta'* George Zammit

*Lil Dun Frans Camilleri.*

M'għandekx lewn il-ward ta' Mejju,
Jew riħet il-Lixandrina;
Hadd ma jżommok b'warda fina,
Twajba, fqajra Sardinella.
Gewwa s-swali tas-sinjuri
Ma tistax rasek ittella'
F'dak is-seħer ta' kuluri:
— Giżi, Gilji, Tulipani —
Fuq l-imwejjed fejn ibejjet
L-għasel morr ta' min hu għani
— Għani biss fid-deheb li jlellex
'L hawn mill-qabar u jħallih
Mgħarar f'dalma jibki fieragħ
Għat-tnewnima tal-musbieħ
Ta' min ġema' ġid is-sema.

Inti fqajra, Sardinella:
Iżda ssaltan fuq is-setaħ
Ta' min, bħalek, qalbu fetaħ
Halli jidħol l-akbar għana:
— Dawl ix-xemx, saħħet is-safa;
Ta' min, bħalek, għajnu rafa'
Lejn is-sema, u għamlu tiegħu!
Inti ssaltan f'ċint it-taraġ
Li mill-bitħa jeħdok fl-għorfa:
— L-għorfa ħiemda, kollha riħa
Ta' purtieri merfugħin,
Hwejjeġ sbieħ u kurtinaġġi, —
Li tinfetaħ biss għall-festa,
Jew kull meta, f'magħmudija,
Sardinella ferreħija,
Fuq idejn il-mistednin,
Tara għaddejja l-kokotina
Jew xi tazza rożolin
Biex isaqqi gallettina
Jew, aħjar, xi biskottin;

Fost il-ferħ ta' l-omm, li tħaddan
Ma' sidirha ħajja ġdida;
Fost il-ferħ tat-triq bi ħġarha,
Il-parrini u l-ħaddiera,
Geġwiġija tfal iduru
Daħkanin dawra durella:
Hluq jitbissmu, qlub se jfuru
Bl-ogħla ferħ madwar il-qsari.
U int bil-kemm għajnejk ittella',
Twajba, fqajra Sardinella!

Huma dawn, is-swali tiegħek,
Dawn saltnatek, dawn rebħietek:
Xemx u beraħ ikħal nir,
Daħk il-hena tat-tfulija,
Għeh is-setaħ f'dar raħlija,
Sardinella ferreħija,
Xhieda t'Alla f'dar il-fqir.

Iżda ssaltan waħdanija
Fuq il-kotra ta' kull ward,
Sardinella ferreħija,
Meta ġmielek jiksi l-art.
Ta' kull meta t-triqat taghna
Jaraw tgħaddi l-Ostja Mbierka
Xbieha tal-Feddej setgħana;
Waqt li 'l hawn u 'l hinn jinxteħtu
Għarkubbtejhom fl-art, sektin,
Il-fidili, minn fejn igħaddi
Fost l-inċens, il-Baldakkin,
It-triqat jinbidlu f'ġenna
Għax sbuħitek, imżebilħa
Mis-supperv, għamlet it-triq
Bħal tapit li fuqu jixraq
Illi jirfes il-Ħallieq.

22. III. 54.

## GHASFUR

*Ta'* Ariel Fiorini

Niżel
f'għalqa
kiel,
twikkel,
tar.
Mar
f'bejta
xtarr, u
tama'
ż-żgħar.

Reġa'
tar biex
fittex
l-ilma.
Sab,
xorob,
mela
ħalqu.

Mar
f'bejta
seqa
ż-żgħar.
Għanna
ħieles.
Mferraħ
meraħ.

Iġġerra
għaja
reġa'
dar.
F'bejta
mar.
Faħħar
'l Alla
talli
tah
ħajja
ħielsa
b'ebda
niket.

Hu u
martu,
wliedu
ż-żgħar,
raqdu
raqda,
meta
d-dawl
ħalla
d-dinja
kollha
dlam.

---

## IL-QAWSALLA TA' L-IMHABBA

*Ta'* Vincent Caruana

Hekk kif qawsalla tidher
Fis-sema kollha lwien,
U xħin jibbnazza sewwa
Ma tibqa' tar'ha mkien,

B'ilwien hekk sbieħ tidhrilhom
L-imħabba lill-bnedmin
U jaħsbu li sal-qabar
Twassalhom ferħanin ;

'Ma xħin jibbnazza moħħom
U minnu jmur iċ-ċpar
Idubu lwien l-imħabba
Li jpingu l-qlub iż-żgħar.

# LIL OMM IN-NIKET

*Quddiem il-Madonna tad-Duluri,*
*Ta' Ġieżu, il-Belt.*

*Ta'* PAWLU AQUILINA

Habbejtek dejjem, bħal ma taf, għax qalbi
Tħobb tiġi fejnek biex tarak sikwit;
Tħobb tiġi tfarrġek u titfarraġ minnek
U nħoss ġo fiha l-ferħ li nkun irrid.

Taf Int, Madonna, kemm-il darba nifsi
Kien wasal biex jintemm bi qtigħ-il-qalb
U reġa' fija ħa mill-qawwa u saħħa
Li tajtni Int ma' l-ewwel biki u talb.

Qatt ma ħallejtni... qatt ma bgħattni lura
Bid-dmugħ iċarċar ma' ħaddejja sfiq;
Dejjem tfajt f'ħarsti dik il-ħarsa ħelwa
Bid-dawl u d-dija biex turini t-triq...

Kull meta kont mitluf u għajjien mejjet,
Bla ħila, bla mistrieħ, bi dwejjaq kbar,
Sibt ġewwa ħarstek saħħa ġdida dejjem
U għabu minn ġo fija l-hemm u ċ-ċpar.

Darba ġejt niġri ġo dirgħajk u f'bikja
Ta' dmugħ u f'karba kollha wġigħ u mrar
Tlabtek għal ommi biex tagħtiha s-saħħa
U terġa' lura magħna minn l-isptar...

U ommi qamet kolliha ħila u saħħa,
Kif tlabtek jien, u reġgħet magħna d-dar.
Il-lum xbihetek tqim kuljum, bil-għożża,
Kull x'ħin tiftakar fik, bil-lejl, bin-nhar!

* * *

Il-lum ġejt għandek b'qalbi safja, sħiħa,
Mimlija faraġ milli sqejtni Int,
U miegħi ġibt ix-xebba li nħobb jiena:
Żomm lilu b'ibnek u 'l imħabbti b'bint.

Għax aħna rridu nagħtuk qalbna... ħudha,
Biex infarrġuk min-niket ta' daż-żmien...
Biex naraw fik, ħlok dmugħ, għajneju imdawla,
U qalb imdawra bil-wardiet tal-ġnien!

Madonna tagħna, ħares lejna, żommna
Man-niket tiegħek ġewwa qalbek, sħaħ.
Ħallina ngħixu fik u bik, Omm tagħna,
Biex f'imħabbitna lejk ma nkunux xħaħ.

Mhijiex, Madonna, imħabba ta' bejnietna,
Jekk lilek ma nħobbukx tassew bil-ġenn.
Int Omimna dejjem! Ħalli qlubna f'waħda
Issib ġo fik l-imħabba, s-sliem u l-kenn.

U meta twarrad imħabbitna f'warda...,
F'wardiet..., hu Inti dal-wardiet ukoll!
Irridu ngħixu fik b'uliedna magħna
Biex tisboq imħabbitna l-ward tal-qroll.

Hekk... hekk, Madonna; irrid narak, ferħana...
Bija u b'imħabbti marbutin flimkien!
Berikha Int ir-rabta ta' mħabbitna
Biex tibqa' sħiħa tiegħek ma' kull żmien.

---

## MULTUM IN PARVO

Il-bniedem iqis għemilu, iżda Alla jiżinlu fehmitu.

*Thomas à Kempis.*

La taħsibx wisq iżjed fuq dak li m'għandekx milli fuq dak li għandek; iżda minn dawk il-ħwejjeġ li għandek agħżel l-aħjar, u imbagħad oqgħod aħseb kemm kont tixtieqhom li kieku ma kinux għandek.

*Marcus Aurelius.*

## X'JISWEW?

*Ta'* John Sciberras

X'tiswa l-mużka li fl-għaxija jinsġu l-kwiekeb mat-tpetpit
jekk ma tista' qatt tinstema' minn did-dinja mqar għal ftit?

X'tiswa l-għanja ta' tnehida li r-riħ jonfoħ mas-siġriet
jekk in-nies titbażża' minnha flok ma ttiha t-tifsiriet?

X'tiswa n-nisġa li taf taħdem f'lejl imqammar Filomel
jekk, għas-serħ u l-kenn tas-sodda, dik il-ħlewwa n-nies tistmell?

U x'qatt jista' jiswa għalija li jien ngħanni bla waqfien
meta fija jbaqbqu l-versi la ħadd ma jrid jaf min jien?

## EPIGRAMMI

*Ta'* John Sciberras

**IL-KBURIJA TAL-PAGUN**

Kważi b'mistħija ngħid li matul ħajti
ma kont rajt qatt kburija ta' pagun,
iżda malli rajt lilek
sirt naf malajr kif tkun.

**IL-KOR**

Min jisboq lil dal-kor għall-armonija
ħlief qabda qtates igħannu fil-għaxija?

**MIN JARRA MOĦĦU......**

Wara sagħtejn tpittir quddiem il-mera
ħarġet ħamra mid-dar bħal sardinella,
'mma ħalba xita li għal għarrieda niżlet
żellget u kerrhet kemm kuluri kellha.

**LIL WIEĦED LI QED JITGĦALLEM ISUQ IL-KARROZZA**

Met'int tieħu l-liċenzja
għarrafni bla dewmien
biex dan ix-xogħol li għandi
nibdlu ma' tad-deffien.

# L-Umbrja l-Qalb tħabbat ta' l-Italja

*Ta'* Albert M. Cassola

JEKK huwa minnu li l-pajjiżi għandhom qalb bħalma għandhom il-bnedmin, u dina l-qalb hija l-ħajja tal-pajjiż, l-Italja hija tabilħaqq art b'saħħitha u fuq tagħha għaliex l-Umbrja—li hi sewwa sew il-qalb ta' l-Italja—hija medda art fejn hemm il-ħajja.

Hemm il-ħajja mhux biss għaliex fil-Corso Vannucci tal-belt ewlenija jinsabu Kafejiet kbar u palazzi għonja li jfakkrux f'Via Veneto ta' Ruma, iżda wkoll għaliex fit-toroq dojoq li jixbhu t-trejqat ta' Venezja hemm xi ħaġa li tħollok iżda li jifhem x'inhi biss min twieled u għax ġo Peruġa jew ukoll dak l-istudent barrani li qatta' bosta xhur fiha.

Jekk it-Tevere bl-istorja tagħha — u tista' tgħid li din ix-xmara hija l-aqwa vina ta' din il-qalb kbira — ma xxarrabx l-ibliet kollha ta' l-Umbrja, madankollu l-ibliet kollha ta' l-Umbrja darba waħda ċċappsu bid-demm tal-Gwelfi u l-Gibellini.

L-Umbrja kienet ġiet imħarbta waqt il-Gwerra Gotika, u wara rat l-invażjoni tal-Longobardi. Iżda ftit ftit l-Umbrja għaddiet taħt il-ħakma tal-Knisja.

Xejn ma swielhom lil dawk il-ftit għonja Umbrin li fittxew li jfixklu 'l Cesare Borgia fil-jasar tiegħu, għax dan għaraf jeqred bil-qilla dik il-għaqda tal-għedewwa. Kellu jkun fl-aħħarnett Pawlu III biex jagħti 'l-Umbrja gvern li jistħoqqilha u li dam sa l-1860, sena li fiha l-Umbrja saret ħaġa waħda mal-bqija ta' l-Italja u l-qalba tal-penisola li issa kienet miexja bil-qajla, imma żgura, lejn ir-rabta f'nazzjon waħda.

L-Umbrja hi bħal għadira ġierja ta' kampanja, imrażżna mill-Appennini li jaqfluha bejn il-mewġ qawwi tagħhom. Is-swar u l-bibien Etruski, id-dwiemes u l-fdal tat-tempji ta' Peruġa u Orvjeto jġibuli quddiem għajnejja l-Gżira ċkejkna u għażiża tiegħi li għandha storja hekk sabiħa u li fuq il-baħar timtedd

"*occulta e bassa*"

sittin mil bogħod minn Sqallija.

Peruġa hija l-belt li tgħodd għal dak l-istudjuż li, biex ingħiduha bil-Latin, irid *miscere utile dulci* jew, fi kliem ieħor, għal dak li jixtieq joqtol żewġ għasafar b'ġebla waħda. Tabil-

ħaqq li *Perusia* bl-imfakar qodma u bl-universitajiet tagħha, bil-veduti tal-għaġeb u l-ħafna ġonna tagħha hija maħluqa għall-villeġġatura ħarkiena. Hawnhekk għadu jinħass iż-żmien ta' l-Etruski u tal-Medju Evu, għadha ħajja l-epoka Umbra li tat isimha lill-pajsaġġ iħaddar.

Iżda b'"*verdeggiante Umbria*" ma nifhmux biss art twelid Pinturicchio. Ftit kilometri 'l bogħod minn din il-belt ewlenija u "*augusta*" jinsabu żewġt itruf minn tal-ġenna: Le Fonti del Clitumno, ta' fama Carduċċjana, u l-Passo del Furlo, ir-rokna msaħħra li fiha Mussolini kien igħaddi ħafna mill-ftit sigħat ħiel-sa tiegħu. Fl-aħħar mill-aħħar ukoll fid-dittaturi tinsab qalb ta' poeta, għax:

> "*What is this life if, full of care,*
> *We have no time to stand and stare?*"

Art, mela, ta' l-istudjużi, tal-poeti u ta' l-artisti din l-art Taljana ta' l-Umbrja. Iżda art ukoll ta' devozzjoni, fejn tara kuljum għadd kbir ta' pellegrini li ġew minn l-ibgħad irkejjen tad-dinja biex iżuru l-belt żgħira u ħelwa ta' Assisi bajdanija, u jmorru flimkien lejn il-kunvent qadim Franġiskan li jixxabbat fuq ix-xifer ta" għolja mdawra bl-irdum.

Meta kien donnu wasal biex fid-dinja tintefa għal kollox l-imħabba, twieled il-poeta tal-"*Cantico di Frate Sole*". Il-law-da li fil-ħerqa reliġjuża tagħha, tbierek 'il-Mulej li ħalaq għall-bnedmin 'il "*frate sole*" u '*suora luna*" u "*frate foco*", u li tnebbah lill-bniedem biex jaħfer lill-għedewwa u jitgħallem iba-ti; u li bil-*memento mori* tagħha ssejjaħ il-ħżiena biex jimxu mit-triq it-tajba.

Il-ħlewwa tal-poeżija Franġiskana timxi id f'id fl-Umbrja mas-sentiment reliġjuż li jġedded il-kbir Qaddis ta' Assisi.

Iżda l-Umbrja għad trid tagħti qaddisin oħra, u fosthom jiddu Santa Kjara u Santa Skolastika, oħt Benedettu. Barra dawn, Fra Jocopone minn Todi wara li għadda ħajja bla jies, u wara li daq il-ħabs talli kiteb versi kontra l-Papa Bonifaċju VIII, meta mititlu martu, mara qaddisa, taha għal ħajja ta' tewba.

Bħal San Franġisk, huwa beda jikteb poeżiji sagri fuq il-metru tal-ballata u b'hekk għamel li l-innijiet qaddisa saru jin-għoġbu iżjed lill-poplu. Għalkemm l-arti tal-"lawdi" tiegħu daqqa togħla ħafna u daqqa ma tiswa xejn, il-lawdi fihom infis-hom iħeġġu dejjem bis-sentiment reliġjuż.

Todi lill-Umbrja ma tathiex biss 'il Fra Jacopone iżda wkoll palazzi mill-isbaħ ta' l-aqwa arkitetti ċivili Taljani tat-tlittax u l-erbatax-il seklu. U Todi wkoll, bħall-ibliet kollha ta' l-Umbrja, għandha s-sehem tagħha fil-kwadru ġenerali tal-kampanja maħduma, tal-veduti mill-isbaħ, tat-tbexbix imdawwal. Għaliex l-Umbrja kollha—minn Peruġa sa Assisi, minn Bettona sa Spello, minn Panicale sa Spoleto u Terni—tlewwen hekk sabiħ li ġġegħlek tinxteħet għarkobbtejk titlob 'l Alla li ħalaq dak il-ġmiel. Lawdi sħaħ Umbrin kienu jkantawhom id-"*disciplinati di Gesù Cristo*", li kienu konfraterniti mwaqqfa dwar l-1260 bis-saħħa tal-prietki ta' Frate Rainieri Fasani. Dawn il-konfraterniti kienu jiġġerrew mal-bliet u fil-kampanja jitolbu 'l Alla jaħfrilhom dnubiethom.

M'għandniex xi ngħidu, fl-Umbrja ma jonqsux l-akkademji artistiċi u letterarji li mis-sittax-il seklu 'l quddiem nibtu ġo Foligno, f'Orvieto, f'Città di Castello u f'ħafna bliet oħrajn ewlenin. Ma jonqsux fuq kollox il-knejjes u d-Dwomi li twaqqfu biex jixhdu l-opra tal-għaġeb tal-ġenju artistiku Taljan u l-imħabba tal-poplu lejn Alla.

Il-poplu ta' l-Umbrja huwa poplu ħarkien. Filgħodu fittoroq imwarrba, turisti minn kull pajjiż jaraw irġiel u nisa qegħdin ibigħu ż-żraben, ilbies, ħwejjeġ meħtieġa u ġojjelli, bla għajat żejjed bħalma jagħmlu dawk il-bejjiegħa ta' l-ibliet kbar bħal Napli, Milan, Ruma. Il-bidwija sbejħa tistiednek bil-ħlewwa biex idduq il-lanġas jew it-tuffieħ bnin.

Is-Sibt filgħaxija tilmaħ in-nies ħerġin bil-kuxjenza nadifa mill-knisja waqt li tfajliet bla nikta joħolmu l-jum tal-għada meta, libsin ta' għarajjes żgħar, sa jilqgħu għall-ewwel darba ġo sidirhom lill-Bambin Ġesù. Sadattant il-mastrudaxxa jħabbat b'ħerqa kbira l-martell

> "*e s'affretta, e s'adopra*
> *di fornir l'opra anzi il chiarir dell'alba.*"

In-nies ta' l-Umbrja huma twajba, minn tagħna, ħorra. Kull raġel, kull mara, kull tifel huma waħda mill-ħafna arterji jew vini rqaq ta' din il-qalb kbira ta' l-Italja. Huma l-arterji u l-vini li fihom jiġri demm nobbli — mhux ikħal — iżda aħmar bħall-imħabba, aħdar bħat-tama, abjad bħas-safa.

Dawn it-tlitt ilwien taż-żerniq u tal-kampanja u ta' l-iljieli qamrija huma sewwa sew il-kuluri ta' l-Umbrja.

Huma sewwa sew il-kuluri ta' l-Italja.

**KORRISPONDENZA:**

## DWARDU CACHIA: ŻIEDA U TISWIJA

*Ta'* Ġ. Cassar Pullicino

Wara li deher l-istudju tagħna "Traduzzjoni minn Camoens bil-Malti", konna rċevejna ittra minn għand is-sur Rogantin Cachia, li jiġi neputi ta' Dwardu Cachia, fejn żied jagħtina xi tagħrif bijografiku li mhux biss iżid ma' dak li konna nafu fuq il-poeta Malti, imma wkoll isewwi u jiċċara xi ħwejjeġ li kien kiteb A. Levanzin f'ittra li aħna ġibna xi bċejjeċ minnha fl-istudju tagħna. Billi l-ittra tas-sur R. Cachia għandha interess fiha nfisha dehrilna li tajjeb wieħed iġibha hawnhekk kif inhi sħiħa :—

Hughes Hallett Street,
Sliema.
23. xi. 52.

Sur Cassar Pullicino,

Hadt gost ħafna naqra l-istudju interessanti tiegħek "Traduzzjoni minn Camoens bil-Malti" li deher fil-ħarġa ta' *Il-Malti* ta' Ġunju ta' din is-sena. Iżda stagħġibt mhux ftit x'ħin qrajt li skond Wistin Levanzin, iz-ziju Dward "miet f'idejh, f'gorboġ ħdejn iċ-Ċimiterju, f'għaks kbir...... u b'qalbu maqsuma".

Dan m'hu xejn minnu. Kif Levanzin ħoloq din il-praspura ma nistax naf, ħwejjeġ tad-dinja l-oħra.

Iz-ziju Dward miet f'waħda mill-isbaħ kmamar ta' l-aqwa djar ta' l-Isla, Nru. 166, Strada Vittorja. Din id-dar, flimkien ma' tnejn oħra ma' ġenbha, li kienu jappartjenu lill-familja tiegħu, iġġarrfu fil-*blitz* il-kbir ta' fuq l-*Illustrious*.

Ma' tul il-marda tiegħu daret bih oħtu Manwela, li kienet tinqala' daqs l-aqwa *nurse*, u kellu l-konforti kollha li wieħed jixtieq, kemm tal-ġisem u kemm tar-ruħ. Kien imdawwar minn ħutu, minn ibnu waħdani, u min-neputijiet u minn għadd kbir ta' ħbieb.

Il-marda tiegħu ħadha bħalma ħa ħajtu — bl-akbar sabar. Waqt li kien marid fis-sodda baqa' bl-istess tbissima li dejjem kellu f'wiċċu meta kien b'saħħtu. L-aħħar poeżija li kiteb kienet "Profezija fuq Franza", din spiċċaha ftit qabel ma miet, u ngħoġbot ħafna. Miet f'sessieh u l-aħħar kelmiet tiegħu kienu : "In manus tuas, Domine, commendo spiritum meum".

Iz-ziju Dward dejjem kien ħaddiemi u ħabrieki, u qatt ma ġie bżonn ħadd. Dejjem għax ħajja modesta, ma kellux kapriċċi; il-ftit flus żejda li kien ikollu ma kienx jonfoqhom ħlief f'kotba, stampi u bolli.

Ibnu Willie miet ftit xhur ilu.

Inselli għalik,
ROG. CACHIA.

Niżżu ħajr lis-sur Cachia tat-tagħrif li baghtilna u ta' l-interess li ħa fl-istudju tagħna. Barra l-ġentilezza li biha bagħtilna dat-tagħrif u tana fotografija li minnha stajna nagħmlu l-*cliché* li deher fl-istudju msemmi hawn fuq, inħossu ruħna obbligati wkoll lejn is-sur Cachia għal dil-biċċa tagħrifa oħra li tana bil-fomm fuq mistoqsija li għamilnielu :

"Iz-ziju Dward kien tgħallem l-Ispanjol meta kien hawn il-ħaddiema tal-*breakwater*. Kienu ġew ħaddiema Spanjoli, barra oħrajn Taljani u Sqallin. U hu kien jagħtihom lezzjonijiet ta' l-Ingliż, u minn għand l-Ispanjoli, billi kellu diġà bidu tal-Isien Spanjol, tgħallem sewwa u ipprattika l-Ispanjol".

Nittamaw illi l-qarrejja ta' *Il-Malti* jilqgħu bħalna din iż-żieda u tiswija.

---

## KRONAKA

### Tifkira tal-Ġublew tad-Djamant tas-Saċerdozju ta' Mons. Dun Karm. Psaila, D.Litt.

Fid-19 ta' Mejju li għadda, Mons. Dun Karm. Psaila, il-Poeta Nazzjonali tagħna u President Onorarju tal-Għaqda, stieden lill-ħbieb tiegħu għal quddiesa li qaddes fil-Knisja Parrokkjali ta' San Girgor, Tas-Sliema, bħala tifkira ta' Għeluq il-Ħamsin Sena ta' l-Ewwel Quddiesa tiegħu. F'din l-istedina ta' ferħ kien hemm jirrappreżentaw il-Għaqda: il-Kav. Dr. Ġ. Galea, President, u s-Sur Godfrey Zarb Adami, Segretarju tal-Għaqda.

Aħna wkoll ningħaqdu fil-ferħ ta' din l-okkażjoni hekk sabiħa u nixtiequ lid-Dekan tal-Kittieba Maltin, Dun Karm Psaila, ir-Riżq u l-Barka tas-Sema għas-snin kollha ta' ħajtu.

**KORRISPONDENZA:**

## MALAPROPISMI FIL-MALTI

117, Triq Ridolfo, Sliema.
12 ta' Mejju, 1954.

Sur Editur,

F'"Il-Malti" ta' Marzu li għadda, is-Sur Ġużi Abela wera li, kif jaħsibha hu, il-kelma "Nisrani" ma tfissirx "Kristjan" imma "Kattoliku". Iżda din il-konklużjoni wasal għaliha wara li huwa nnifsu stqarr li l-kelma "Nisrani" twieldet fl-istess żmien meta missirijietna tgħammdu minn idejn San Pawl u saru jemmnu *fin-Nasri, fi Kristu* l-Iben t'Alla.

Id-dizzjunarji jqisu l-kelma "Kristjan" bħala dik li tagħżel 'il min jipprofessa l-Fidi ta' Kristu. Id-definizzjoni ta' "Kattolku" ("*Catholic*") hija "li jmiss lin-nies tad-dinja kollha taż-żminijiet kollha", jiġifieri "universali".

Il-frażi "mhux Nisrani" għal min huwa "*non-Catholic*" hija versjoni maħluqa mill-użu ħażin, jiġifieri mill-Malapropismu li, skond "Id-dizzjunarju Ingliż u Malti" ta' Mons. C. Psaila (Dun Karm) huwa "ħaġa, kelma, eċċ. li tingħad, tingħamel, issir barra minn ħinha, barra minn lokha". L-"*Oxford Dictionary*" isejjaħ il-*Malaprops* (mill-Franċiż *Mal à propos*) "*thing inopportunely (said, done, or happening)*". Id-dizzjunarji l-oħra jaqblu ma' dawn.

"Nisrani" (qabbel "Nazzarenu") tfisser mela "Kristjan" (Kristu), "*Christian*" (*Christ*). "*Non-Catholic*" hija l-istess bħal "Mhux Kattolku". Imma sewwa sew minħabba l-Malapropismu, il-popolin jagħtiha s-sens improprju ta' "Mhux Nisrani" flok "Mhux Kattolku".

Din hija kwistjoni ta' lingwa u mhux ta' Reliġjon, kif għoddu ġiebha l-korrispondent tas-Seminarju Awstraljan.

ALBERT M. CASSOLA.

# Dizzjunarji Maltin

*Studju Kritiku ta'* A. Cremona

**MALTESE LEXICOGRAPHY.** — J. Aquilina. (Estratt mill-"Orbis" — *Bulletin International de Documentation Linguistique. — Tome II, No. 2, 1953 — Louvain).*

F'din il-kontribuzzjoni fir-rivista belġjana ta' l-Università Kattolika ta' Louvain, il-Professur Aquilina jagħti fil-qosor, iżda b'mod komprensiv bħal kwadru sinottiku ta' l-istorja lessikografika ta' l-ilsien Malti. Bħalma jurina, hija ħaġa li ma ssibhiex ħlief fil-Malti, illi l-letteratura Maltija kellha titwieled wara l-ħolqien, l-ewwelnett ta' grammatika, imbagħad ta' dizzjunarju, u dan jurina li l-isvilupp tal-lingwa Maltija, bħala lsien miktub, ma mexiex fuq ir-rotta ta' l-ilsna l-oħra, jiġifieri beda fuq prinċipji akkademiċi u mhux pedagoġiċi, u għalhekk, dizzjunarju donnu kellu iżjed importanza filoloġika milli skolastika jew letterarja, il-maqlub ta' dak li ġara f'lingwi oħra. Dan jidher wisq iżjed fix-xogħol ta' De Soldanis bid-dizzjunarju manuskritt u bil-grammatika tiegħu milli fil-*Lexicon* ta' Vassalli.

L-Awtur jagħti lista ta' 12-il dizzjunarju li s'issa ġew stampati mill-1796, jiġifieri minn Vassalli 'l hawn, fosthom tnejn etimoloġiċi. Ifisser il-pjan ta' Vassalli fuq il-mezz tal-koltivazzjoni tal-Malti bħala bidu ta' tagħlim għall-poplu—kif jidher mid-Diskors Preliminari tad-Dizzjunarju ta' Vassalli, li bħala bażi ta' dan it-tagħlim iqiegħed il-Grammatika u d-Dizzjunarju tiegħu.

Il-metodu ta' Vassalli fil-kompilazzjoni tad-Dizzjunarju huwa mfisser bir-reqqa kollha, u, bħala t-tieni xogħol, wara dak ta' De Soldanis, l-Awtur iqisu mill-aħjar fost dawk ukoll li saru wara, għalkemm ma tistax tgħid li hu perfett. Fil-moħħ ta' Vassallii l-iskop tad-dizzjunarju kien ik-tarx skolastiku milli filoloġiku, li jiġifieri 'jikteb u jippubblika dizzjunarju li jkun ta' fejda u għajnuna għal min irid jitgħallem it-tifsir ta' kliem Latin u Taljan li dak iż-żmien kienu ż-żewġ lingwi skolastiċi—għalkemm kellu wkoll il-ħsieb li jagħti f'supplement l-etimoloġija tal-kliem.

Illi l-metodu alfabetiku fit-taqsim tal-kliem skond id-dizzjunarji ewropej, kif fuqu mexa Vassalli u lessikografi oħra (barra jidhirli jien A. E. Caruana) huwa l-metodu l-iżjed prattiku għall-istudent Malti, għalkemm xjentifikament mhux il-metodu ta' l-ilsna semitiċi, jammettih l-istess Awtur, kif ukoll għandu jammettih kull studjuż u kull min jgħallem. Hija ħaġa li skond is-sens prattiku, jammettih ukoll l-Awtur, dik li l-metodu tat-taqsim radikali tal-kliem ma jaqbilx f'dizzjunarju Malti (naħseb jien l-iktar f'dizzjunarju skolastiku)—f'ilsien li fih hemm mal-40 fil-mija ta' kliem rumanz li ma jnisslux il-forom tagħhom fuq għerq il-kelma. Il-metodu tat-tagħlim radikali tal-kliem, jaqbel isir f'dizzjunarju etimoloġiku bħalma sar b'ċertu mod wisq iżjed minn Dessoulavy fil-*Maltese-Arabic Word List* milli minn Barbera fid-dizzjunarju tiegħu, li mexa kelma b'kelma fuq l-ordni tal-kliem fid-dizzjunarju ta' Falzon.

Skond l-Awtur, Caruana qabeż il-foss, u ħalla barra l-kliem ta' nisel rumanz, fil-waqt li, kif naħseb jien, Caruana ħallih apposta, għax l-iskop tiegħu kien li jagħti biss in-nisel tal-kelma Maltija-Semitika u mhux tal-kelma Maltija-Rumanza.

Fuq kollox l-Awtur fid-dizzjunarji Maltin (teħodhom kollha kemm huma) isib dawn in-nuqqasijiet: Nuqqas ta' xi kliem użat, biċċa minnu f'xi postijiet ċkejkna tal-gżejjer; nuqqas ta' tifsir sekondarju ta' kliem; nuqqas ta' forom imnisslin; nuqqas ta' verbi preposizzjonali li jbiddlu t-tifsir mal-preposizzjoni li tissieħeb magħhom, nuqqas ta' frażijiet, idjomi, ecc.; nuqqas ta' eżempji fl-użu letterarju u fl-użu soċjali, tekniku, ecc., u għal dawn l-Awtur ifisser b'reqqa u b'mod dettaljat b'eżempji.

F'dizzjunarju bħalma hu dak ta' Vassalli ma tistax tistennieh li ma jkollux xi waħda, tnejn jew iżjed minn dawn in-nuqqasijiet bħalma ma tistax tistennieh fl-ewwel dizzjunarji li nkitbu f'ilsna oħra. Id-dizzjunarji jikbru mal-progress tal-Lsien fil-letteratura tiegħu. Bħalma jfisser l-Awtur, dizzjunarju, bħalma hu ta' Vassalli, u ta' oħrajn li ħarġu wara (neħħi ta' Caruana u ż-żewġ dizzjunarji etimoloġiċi li semmejna) mhumiex ħlief ta' fejda popolari u skolastika.

L-Awtur, bħala prototip tad-dizzjunarji Maltin li s'issa ħarġu, jagħżel il-Lexicon ta' Vassalli li għaż-żmien li fih inkiteb ma jiġborx fih il-kliem kollu fid-dizzjunarji li ħarġu wara.

Meta niflu dawn id-dizzjunarji, insibu li erbgħa minn dawn ma setgħux ikunu mgħammrin b'dak kollu li jinħtieġ f'dizzjunarju bit-terminoloġija u frażjoloġija sħiħa tal-lsien Malti fis-sens letterarju tal-kelma, billi huma dizzjunarji ċkejkna li nsibuhom taħt l-isem ta' dizzjunarji *Portatili* fit-Taljan u *Little Concise* jew *Pocket Dictionaries* fl-Ingliż, bħalma huma d-dizzjunarji ta' Francis Vella, ta' V. Azzopardi, Mamo u Magro. Vassalli kien minn ta' l-ewwel li wera apprezzament f'xi ħwejjeġ li oħrajn ta' warajh ma daħħlux fid-dizzjunarji tagħhom, jiġifieri kliem ta' tifsir sekondarju, ecc., fil-waqt li Caruana jisboq lil oħrajn għall-kotor ta' idjomi, proverbi, u frażijiet safja li hu daħħal u li juru iżjed teknika fl-użu minn dawk il-frażijiet li nsibu fid-dizzjunarju ta' Busuttil, li għandhom fasla daqsxejn iżjed popolari u moderna.

Fl-aħħarnett, meta wieħed jagħsar l-istudju tal-Professur Aquilina fuq id-dizzjunarji Maltin u jqis il-ħtiġijiet ta' dizzjunarju Malti għal skopijiet popolari, skolastiċi, akkademiċi u filoloġiċi, nsibu li jaqbel li nimxu fuq dak li tawna ilsna oħra iżjed xjuħ fil-letteratura tagħhom mill-ilsien Malti. U, għalhekk, fil-kompilazzjoni ta' dizzjunarju, il-kriterju għandu jkun differenti u skond il-bżonn ta' kull wieħed minn dawn l-iskopi, jiġifieri, kompilazzjoni ta': a) *Dizzjunarji ċkejkna* għal idejn l-istudent ta' skejjel elementari, li jagħtu tifsir sempliċi tal-kliem mill-Malti għall-Ingliż-Taljan u bil-maqlub mill-Ingliż-Taljan għall-Malti; b) *Dizzjunarji Kbar*, għal idejn studenti liċeali, universitarji, ecc., mill-Malti għall-Ingliż-Taljan, u vice-versa, b'tagħmira sewwa ta' tifsir, ecc., ta' kliem komuni, letterarju, tekniku u frażjoloġiku; ċ) *Dizzjunarji Etimoloġiċi* fuq il-fasla tad-dizzjunarji ta' Dessoulavy u Barbera (bla ebda frażjoloġija)—kliem imfisser bl-Ingliż u bit-Taljan; d) *Dizzjunarji Kbar bil-Malti*, bil-Malti biss, fejn wara kull klma tingħata l-etimoloġija fil-qosor f'parentesi—bi kliem qadim u ġdid (letterarju, tekniku, xjentifiku) u bi frażjoloġija qadima u moderna.

# REĊENSJONIJIET

**"QTAR IL-QALB"** — Ta' Reginald Vella Tomlin. — Lux Press. Malta, 1954. Paġ. 34.

B'dan il-ktieb is-Sur Reginald Vella Tomlin jingħaqad ma l-iskiera tas-segwaċi tal-Musa u jidher quddiem il-qarrejja bħala poeta Malti. Din mhix l-ewwel darba li dan is-surmast ħabrieki u intelliġenti kiteb versi, imma sa issa hu aktar kien magħruf bħala kompilatur ta' kotba għall-iskejjel u awtur ta' proża għalliema u fejjieda. Issa Vella Tomlin wera li għandu ħila jħaddem il-ħlewwa tal-versi daqs kemm għandu xeħta biex isawwar il-ġmiel tal-proża.

L-awtur milli jidher ried jaqbad triq ġdida fil-qasam letterarju Malti. Dari fost l-oħrajn hu kien jikteb bi stil ħafif, mexxej, ta' gost u ta' ħlewwa donnu biex iħeġġeġ il-ħrara taż-żgħażagħ, imma f'dan il-ktieb hu qaleb għal xogħol iebes, xogħol ta' ħsieb, ta' studju u ta' reqqa. Is-sunett huwa kitba li teħtieġ dehen u sengħa għax tiġbor fi ftit kliem idejiet, fehmiet u ħsebijiet li jħaddnu kobor ta' ħolqien, sistemi ta' filosofija u xejriet ta' ħajja. Iż-żewġ għamliet ta' sunetti, Petrarkjani u Shakespjerjani, għalkemm differenti fis-sura huma ħaġa waħda fl-iskop: ħsieb għoli mżejjen bi kliem mlqut u sabiħ.

Is-Sur Vella Tomlin b'ħila kbira għoġbu jagħmel l-ewwel għotja poetika tiegħu b'damma ta' wieħed u tletin sunett kollha ta' standard wieħed imma ta' idejiet differenti. Versi ħarkiena, midmumin kif trid is-sengħa, l-istil mirqum, bosta fihom lehma qawwija. Aktarx l-ewwel żewġ versi jew l-ewwel strofa jiftħu bl-idea ewlenija tas-sunett, e.g. "L-Irxiexa tal-Qigħan", "L-Għerf"; imbagħad fil-bqija tas-sunett l-awtur iżid jorqom dik l-idea oriġinali. Din is-sistema tidher ukoll f'xi sunetti ta' D'Annunzio u ta' Pascoli.

Il-ġabra hi magħmula minn żewġ ishma: sunetti sagri u sunetti profani. Ngħid għalija l-aktar li laqtuni s-sunetti profani għax x'uħud minnhom ifissru b'sentimenti qawwija t-tqanqiliet u x-xejret ta' ħajjiet il-bniedem, jew il-kobor u l-ġmiel tal-ħolqien.

Fis-sunett "Orfew f'Mejju", wieħed jaqra ġmiel naturali u ħlewwa sentimentali li ftit issib bħalhom, fil-waqt li fis-sunett "Erġajt Ftakart", il-qarrej itiegħem l-imrar tal-ħajja. Is-sunetti reliġjużi kollha mżejnin b'lehma spiritwali, iqanqlu r-ruħ u jmissu l-qalb. Tista' tgħid kollha miġbudin fuq ix-xejra ta' devozzjoni tant komuni fost il-poeti Maltin. Fis-sunett "Fl-Addolorata", il-qarrej iħoss dik il-ħasra li hu kien ġarrab meta qara l-poeżiji ta' dik il-għamla mitkuba minn poeti oħra Maltin.

Dan il-ktieb qisu bukkett ta' ward naturali, frisk, sabiħ u mfewwaħ iżda li miegħu marbuta warda artifiċjali bla riħa u bla ħajr. Din il-warda żejda hi msawra minn dawk il-ftit sunetti miktubin lil xi persunaġġi magħrufin ħafna fil-qasam letterarju tagħna jew fil-ħajja parrokkjali ta' l-awtur. Għalkemm dawn is-suneti fihom ix-xogħol tagħhom, huma ristretti fl-iskop tagħhom u għalhekk il-lum qajla wieħed jiltaqa' magħhom f'ġabriet ta' poeżiji. Mill-bqija l-awtur tana ktieb ta' fejda, wera l-ħila tiegħu bħala poeta u qabad triq li għad twasslu 'l quddiem fil-qasam letterarju Malti.

G.

**"MALTA NEWS", AĦBARIJIET TA' MALTA.** — Perjodiku ta' kull xahar, maħruġ mill-Malta Service Bureau, Windsor, Ontario, Kanada.

Kull meta toħroġ gazzetta bil-Malti qisu jiżdied leħen li jaqbeż għaddrittijiet tal-Maltin, imma meta dik il-gazzetta tidher f'art barranija dak il-leħen jiswa mhux biss biex iħares jedd niesna iżda wkoll biex iwassal fost il-barranin il-fehma, ir-rieda u l-ħbiberija tagħna u jfissrilhom is-siwi, il-għaqal, il-bżulija, id-drawwiet, ix-xejriet u l-istorja ta' ġensna. Dan kollu hu mfisser tajjeb ħafna fid-daħla ta' l-ewwel għadd tal-perjodiku "Malta News — Aħbarijiet ta' Malta", li ħareġ f'April li għadda fil-Kanada.

Il-ħabib tagħna, is-Sur Ġorġ Bonavia, Membru Akkademiku u Korrispondent tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" fil-Kanada, il-Patri E.A. Vella O.F.M., u s-Sur Joe Grech huma l-Editur, l-Assistent Editur u l-Amministratur ta' dan il-perjodiku l-ġdid. L-ewwel wieħed nafuh bħala bniedem ħabrieki, inġenjuż u organizzatur tajjeb, it-tnejn l-oħra nistgħu naħsbu li huma nies ta' ħeġġa u ta' ħila, u t-tlieta flimkien patrijotti safjin mixgħulin bil-ħrara li jagħmlu ġid lil nieshom u lil pajjiżhom.

Dan l-ewwel numru tal-perjodiku "Malta News" fih minn kollox: aħbarijiet u artikoli ta' tagħlim, twissijiet u xandir, u għandu jinteressa 'il kull min jaqrah. Mhux biss hu perjodiku nteressanti, iżda wkoll ta' ħtieġa għall-Maltin ta' barra u ta' Malta wkoll għax iżommhom magħqudin flimkien fi ħsieb wieħed u f'rabta waħda. Pubblikazzjonijiet bħal dawn ħalli joħorġu bl-irfus għax huma jiswew biex iżommu ħajja x-xrara ta' mħabba lejn pajjiżhom fost dawk il-Maltin li jitbiegħdu minnu u fl-istess ħin ma jħallix lilna ninsew lil ħutna li marru jfittxu xortihom 'il bogħod minn hawn.

Nittamaw u nixtiequ li bosta Malti hawn u barra minn Malta jabbonaw f'dan il-perjodiku għax b'hekk ikunu jagħmlu ħaġa siewja lilhom infushom u lil pajjiżhom. Billi nafu kemm spejjeż il-lum trid biex iżżomm perjodiku u billi aħna żguri mill-ġid li ser jagħmel dan il-perjodiku Malti fil-Kanada nixtiequ nħajru lil min jista' biex igħin materjalment għas-suċċess tal-perjodiku. Dan nikkunsidrawh bħala dmir nazzjonali tagħna. G.

**LA CROCIATA.** — Rassegna di Lettere, Scienze ed Arti, fondata da V.M. Pellegrini. Anno V. No. 2, Gennaio-Febbraio 1954.

Rivista mwaqqfa u mmexxija min-Nutar V. M. Pellegrini li minn tfulitu kien dejjem mogħti għall-istudji tal-letteratura li fiha għamel isem. Bit-tħabrik tiegħu dejjem żamm tixgħel fostna t-torċa tal-Ġenju letterarju, b'idejiet ġodda ta' Letteratura u Arti. Din ir-rivista l-lum, li issa ilha tgħix xi snin, għandha bosta ħbieb li jħobbu jaqrawha, sew għall-istil ħaj u modern kemm għall-varjetà ta' soġġetti storiċi, bijografiċi u kritiċi. Dan in-numru hu mżejjen bil-bijografija taċ-ċkejkna Giannella De Marco

li wara ż-żjajjar tagħha f'xi artijiet kontinentali ta' l-Ewropa u l-Amerika tas-Sud kienet waqfet hawn Malta u tatna xhieda sabiħa tal-ġenju naturali tagħha fl-arti mużikali, fejn l-Editur kellu l-opportunità li jkellimha u jitgħaxxaq b'dik l-arti misterjuża li kultant tinħeba fil-figura ta' tifla, bħalma hi ċ-ċkejkna Giannella. Il-bijografija hi mżewqa b'versi dedikatorji ta' l-Editur (il-kittieb tal-bijografija) u ta' G. Zammit, b'immaġinazzjonijiet, li jiffotografaw bl-isbaħ kuluri poetiċi s-seħer tan-Natura fil-bakketta artistika taċ-ċkejkna Direttriċi ta' l-Orkestra. F'din ir-rivista hemm artiklu interessanti ta' P.E.B., fuq il-Kunvent ta' l-Agostinjani ta' l-Imdina ma' tul l-Assedju tal-Franċiżi. "L'Umbria Cuore pulsante d'Italia" hija deskrizzjoni sabiħa bi proża fina li soltu toħroġ mill-pinna ta' Cassola, li kien imfaħħar kemm-il darba f'konkorsi letterarji. Dan l-artiklu kien wieħed mill-premjati fil-Premio Letterario "Città di Terni". L-Editur jagħlaq b'reċensjoni fuq il-ktieb: "Visse non solo di pane", ta' G. Borg Pantalleresco. Barra minn xi apprezzament tiegħu, l-Editur isemmi l-opinjonijiet ta' oħrajn dwar il-preġju letterarju tal-ktieb, fosthom ta' l-Imħallef Harding, Sir Arturo Mercieca, Prof. Don Renato Cirillo u Patri Arena.

a. c.

**SPIRITUALE CONVEGNO.** — V.M. Pellegrini. Edizioni "L'Isola".

Dan il-ktejjeb li l-Editur tiegħu huwa l-istess wieħed ta' *La Crociata*, deher għalih taħt l-isem ta' *Convegno Spirituale*—ġabra ta' versi bit-Taljan maqlubin minn versi oħra ta' poeti ta' nazzjonijiet oħra; fosthom hemm traduzzjonijiet minn versi ta' poeti Maltin. Dawn il-poeżiji nqraw fl-*Aula Magna* ta' l-Università ta' Malta, it-28 ta' April, 1954, u għalhekk din il-ġabra ta' poeżiji, l-Editur isejħilha *Laqgħa Spiritwali*, għax tfakkar fil-laqgħa li saret miċ-"Circolo di Letteratura Italiana" fergħa tal-"Malta Cultural Institute", meta nqraw dawn il-poeżijiet.

Fl-espressjoni "Laqgħa Spiritwali", kif ifisser tajjeb l-Editur fil-prefazzjoni tal-ktieb, hemm ukoll it-tifsira ta' dak il-ħsieb spiritwali li laqqa' flimkien xi poeti biex fihom tibqa' tixgħel ir-ruħ poetika li ġġagħalhom jingħaqdu bħal aħwa u jistkerrhu u jinsew l-armi tal-għira, tar-regħba u mibegħda li s'issa firdu d-dinja u qed iħeddu li jeqerduha.

Fost il-poeżijiet ta' poeti Maltin insibu dawk ta' K. Vassallo, ta' Ġużè Chetcuti, ta' Dun Karm Psaila, ta' Ġorġ Pisani, ta' Rużar Briffa u ta' Anton Buttigieg, u fost il-versi oriġinali bit-Taljan dawk ta' Cassola u ta' Ġorġ Zammit. Sew it-traduzzjonijiet mill-Malti (neħħi xi vers li 'l hawn u 'l hinn ma jweġibx sewwa mal-ħsieb tal-poeta — ħaġa li dlonk issibha f'kull traduzzjoni b'versi mqabbla), kemm il-versi oriġinali bit-Taljan għandhom il-preġju letterarju tagħhom, sew fir-ritmu, kemm fil-lessiku u stil.

Nifirħu lill-Editur b'din il-ħarġa sabiħa ta' blanzuni ġodda minn pjanti li ħawwel fil-Ġnejna tal-Ġenju poetiku Malti.

a. c.

**LISTA TA' KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-FOND**

**TAL-KERA U BŻONNIJIET TAD-DAR**

**TAL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI**

**Kontribuzzjonijiet għall-kera tas-sena 1954**

Din hija t-tieni lista li turi l-ismijiet ta' kontribwenti u s-somom li ngħataw minn kull wieħed għall-kera, eċċ., ta' dis-sena :

| | | | |
|---|---|---|---|
| Is-Sur Ġużè Chetcuti | £2 | 0 | 0 |
| Prof. Kan. E. Coleiro | 2 | 0 | 0 |
| Is-Sur Ivo Muscat Azzopardi | 1 | 0 | 0 |
| Dr. Anton Buttigieg | 1 | 0 | 0 |
| Is-Sur A. Cremona | 2 | 0 | 0 |
| Is-Sur F. Saver Caruana | 2 | 0 | 0 |
| Is-Sur Ġ. Ellul Mercer | 1 | 0 | 0 |
| Dun Frans Camilleri | 1 | 0 | 0 |
| Dr. Wallace Gulia | | 10 | 0 |
| Rev. P. W. Born, O.P. | 1 | 0 | 0 |
| Rev. P. Piju Rapa, O.P. | 1 | 0 | 0 |
| Is-Sur Maria Agius | 1 | 0 | 0 |
| Rev. P. V. Barbara | 1 | 0 | 0 |
| Dr. Ġorġ Zammit | 1 | 0 | 0 |
| Rev. Mgr. P. P. Saydon | 1 | 0 | 0 |
| Is-Sur Nikol Biancardi | 1 | 0 | 0 |
| Prof. Dr. Ġ. Galea | 2 | 0 | 0 |
| Is-Sur Michael Kissaun | 1 | 0 | 0 |
| Prof. Rev. A. Tabone | 1 | 0 | 0 |
| Dr. Rużar Briffa | 1 | 0 | 0 |
| | £24 | 10 | 0 |

JINBIEGH 1/-.